# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 311/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarquin Vella**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 405690M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Frar, 2015 f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jaghti lil Roxanne Brignione is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Gunju, 2015 li biha, wara ammissjoni tieghu stess, sabet lill-imputat hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet htija pero' thassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundannah ghal piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz;

Semghet il-provi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami singolari illi minkejja li l-ewwel Qorti kellha ghad-disposizzjoni taghha diversi xelti, ghazlet li timponi l-aktar piena iebsa u harxa ghac-cirkostanzi;
2. Qabel kull kunsiderazzjoni ohra, irid jinghad illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Issir referenza ghas-sentenzi: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003

kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015 fost skorta ta' sentenzi ohra.

3. L-appellant kien ammetta l-fatti quddiem l-ewwel Qorti u jilmenta li minkejja dan ma bbenefika xejn mill-ammissjoni bikrija tieghu. Inoltre, kien talab lill-ewwel Qorti li jinghata zmien sabiex ihallas il-manteniment minnu dovut u dan billi jkunu applikati fil-konfront tieghu il-provvedimenti tal-Kaptiolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Fil-parti fejn *qua* appellant kellu jispjega l-fatti tal-kaz, huwa elabora illi minhabba dawn il-kawzi huwa inqabad f'ciklu ta' inkarcerazzjoni u minhabba f'hekk mhux qed ikun possibbli ghalih li jhallas il-manteniment;

4. Din il-Qorti izda, tosserva illi dan l-appell kien appuntat ghas-smiegh ghall-udjenza tal-10 ta' Novembru 2016, igifieri sena u hames xhur wara l-ghoti tas-sentenza appellata. F'dik is-seduta l-appellant inghata differiment ghaliex kien issostitwixxa lill-avukat difensur tieghu u kien ghadu qed jistenna rilaxx mill-avukat precedenti. Fl-udjenza tal- 1 ta' Dicembru, 2016 xehedet Roxanne Brignione li kkonfermat illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li l-ammont dovut bhala manteniment kien ser jibda jinqata' direttament mill-paga tieghu ta' kull xahar. Ghalhekk il-Qorti ikkoncedietlu differiment iehor u fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2017, l-parte civile regghet xehedet u ddikjarat li ma kienet thallset xejn minn dak dovut mill-appellant;

5. Ghalhekk l-argumenti tal-appellant li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas u li kien jimmerita zmien mill-ewwel Qorti sabiex jirregola ruhu huma kollha argumenti fierha. Minkejja li fi zmien meta instema dan l-appell l-appellant ma kienx inkarcerat, il-weghdiet tieghu li jhallas proprju minn qabel l-ghoti tas-sentenza mill-ewwel Qorti sal-lum, huma xejn ghajr tentattiv sabiex jottjeni aktar zmien inutili ghad-detriment tal-wild li hu dovut imantni;

6. Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena;

7. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud.